# Il-Mistoħbija

Manwel Cassar

Forsi xi kelma, xi vers,
jerġgħu jitlissnu xi darba
minn fuq karta musfara,
forsi jibqa' kwadru
sa ma d-dawl qawwi
jitfi l-akkwarella,
iqarqaċ iż-żejt.

Mill-bqija
munzell trab tuli
jixxebbahli
mat-trab ta' fuqi.

Leħni ċuqlajta
li tkun tħallqet
u titqiegħed fil-moħba.
Ta' rfis riġlejja l-forom
jitwittew
daqskemm ta' bħalhom
bir-riħ
fid-deżert ramli.

Lanqas biss xebhi
ta' delli
ma ntenni.

Imma x-xemx
tissokta feniċju,
'mma meta mingħalik
iġġorr il-qamar
bil-kuċċarun
jibqa' jgħajbek mill-baħar
kif fil-bir
jekk tistadu bis-satal
kif nofsu mistur mis-sħab
jekk sħiħ iddallmu
bil-kisi tal-ħerża.

Muntanji jirtiraw
m'għeluq kunvent il-lejl
u fil-matutin
jisbħu jgeġwġu.

Jibqa' jitgħolla l-bini
mas-sħab
u min mill-għoli
qatt ma lemaħni
mhux se jsellimli
mhux se jsellimni mbagħ'd

Inkun lgħabt waħdi
il-mistoħbija:
ninħeba hawn
u nfittex Hemm
it-tweġiba
għall-akbar mistoqsija.